MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2010

Numru 270/1999

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Norbert Ciappara)**

**vs**

**Rosario Brincat**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet kontra Rosario Brincat ta’ 49 sena imwieled Ħal-Qormi fl-14 t’Ottubru 1952 bin Felix u Carmen nee Spiteri u residenti ‘My Dream’ Triq il-Bellic Qormi detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 755152 (M). Akkużat talli f’dawn il-Gżejjer fis-17 ta’ Novembru 2001 u f’din l-aħħar sena qabel din id-data:

a) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew għall-użu ta' persuna /i mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 għall-kontorll intern tad-drogi perikolużi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja jew kien xorta oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja biex jipprokura l-istess droga u dan bi ksur ta-regolament 4 tar-regoli tal-1939 għall-kontroll intern tad-drogi perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza
dwar il-Mediċini Periolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċiapli tla-Gvern skodn id-dispożizzjonijiet tar-4 u s6 Taqsima tal-Ordinanza u mketa ma kienx bil-liċenzja jew xort'orħa awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħuu naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regoalmenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-regoli tl-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (Gn 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta l***iema droga nstabet f'tali ċirksotanzi li juru li ma kenitx għall-użu personali tiegħu;***

ċ) U aktar talli f'dawn l-aħħar snin b'diveri atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess ispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, kiser jew naqaas li jħares xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-Att XXII tal-1994 Dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji, billi minħgajr liċenzja mogħtija taħt dan l-att mill-Awtorita' kompetanti għamel kummerċ ta' Istituzzjoni Finanzjarja f'Malta,

Il-Qorti ntalbet sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija tapplika wkoll l-artikolu 533 tal-Kap 9 dwar il-ħlas ta' esperti mqabbdin matul il-proċeduri.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat li jġib in-numru 7551 tal-1952, il-fedina penali, l-Ordni tal-Avukat Ġenerali a fol 8, il-verbal li fih il-Qorti nnominat lill-Ispiżjar Mario mifsud sabiex jeżamina l-esibiti NC1, NC3 u MC 4(fol 11), l-istqarrija tal-imputat tat-18 ta'novembru 2001 (fol 12), l-istqarrija l-oħra tal-imputat tas-26 t'Awwissu 2001 (fol 15), il-proces verbal redatt mill-Maġistrat Dr Giovanni Grixti li fih xhieda ġuramentata ta' David Farrugia, Charmaine Vella u hemm inkluża wkoll ix-xhieda ta' Gaetano Azzopardi (fol 42 et), l-istqarrija ta' Frances Grixti  tal-31 t'Awwissu 2001(fol 78),  il-verbal li fih il-Qorti laqgħet it-talba tal-Prosekuzzjoni ħalli jinħarġu ittra rogatorji minħabba li x-xhud David Farrugia kien barra minn Malta (fol 165) u Dok AC(fol 173), u d-dikjarazzjoni magħmula mill- Prosekuzzjoni li kienet qed tagħlaq il-provi (fol 201 stante li ma kienx hemm koperazzjoni biżżejjed mill-awtoritajiet Ingliżi fir-rogatorji ta' David Farrugia.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur..

Ikkunsidrat

Illi l-fatti fil-qosor huma dawn. Fis-26 t'Awwissu 2001 il-Pulizija ippruvaw iwaqqfu lill-imputat meta kien viċin il-car park tal-Isptar San Luqa. Il-parker kien għamillu sinjal biex jibqa' sejjer u l-Pulizija raw lill-imputat iwaddab żewġ boroż bi trab kannella suspettat eroina.

Dil-25 t'Awwissu tas-sena 2001 ċerta Frances Grixti kienet waqgħet f'overdose. Wara kienet indikat lill-Prosekutur lill-imputat bħala l-persuna li minn kienet fornietha bl-eroina. (fol 21).

Twaqqfu persuni oħra li indikaw li kienu xtraw id-droga minn għand l-imputat.

Barra dan kien irċieva telefonata PC 10 li fiha persuna kienet qed tkun mistiedna biex tiġbor dak li kienet ordnat. PC-10 għaraf il-vuċi tal-imputat. Il-Pulizija marru ħdejnh u kif kien ser jgħaddilhom xi ħaġa huam identifikaw ruħhom bħala pulizija u l-imputat ipprova jarmi l-oġġett li kellu li kien jikkonsisti f'żewġ kantunieri ta' boroż bi trab kannella.

Fiż-żewġ stqarrijiet tiegħu l-imputat kien innega kollox ħlief li kien jislef il-flus bi ftit imgħax. (fol 17**). Barra dan huwa qal ukoll li l-mobile tiegħu għanu n-numru 09801651.**

**Xhieda tal-Prosekuzzjoni dwar x'ġara kemm ħdejn il-car park tal-Isptar San Luqa kif ukoll dak li ġara fis-17 ta' Novembru 2001 ħdejn il-post tal-imputat.**

Xehed PC 10 Trevor Cassar Mallia (fol 24) li kien wieħed mill-Pulizija li marru fuq il-post apposta biex jaraw x'ser jagħmel l-imputat. Huwa ra lill-imputat jiftaħ it-tieqa tal-passiġġier u jarmi żewġ boroż. Il-Pulizija sabu ż-żewġ boroż taħt it-tieqa u x-xhud għaraf iż-żewġ boroż meta ntwerew fl-Awla.

L-istess xhud qal ukoll li fis-17 ta' Novembru 2001 huwa kien in charge ta' tnejn min-nies arrestati u kellu miegħu lill-WPS-45 u PC-579. L-arrestati kellhom mobile li beda jdoqq. Ħadu x-xhud u għaraf leħen l-imputat. Dan staqsieh jekk kienx sejjer u x-xhud qal li dalwaqt kien ser ikun ħdejh (ħdejn l-imputat) (fol 25).

L-imputat ra lix-xhud, mar lejn ħajt tas-sejjieħ u ġabar xi affarijiet. X'ħin kien ħdejn l-imputat ix-xhud identifika ruħu bħala pulizija. PS-1086 qabad id l-imputat fejn l-imputat kellu żewġ boroż f'idu. L-imputat rema l-boroż. Waħda mill-boroż qabditha WPS-45 u l-oħra kienet mal-art.

Ix-xhud għaraf il-boroż li kienu nġabru.

Xehed PS 1086. Dan irrifera għat-telefonata li saret fis-17 ta' Novembru 2001 li ssemmiet fil-paragrafi preċedenti. Huwa kkonferma dak li qal PC10 Trevor Cassar Mallia. Kienu waqfu ftit bogħod mill-imputat li resaq lejn il-ħajt tas-sejjieħ, tbaxxa u ġab żewġ affarijiet**. Ix-xhieda kienu tliet jew erba' metri bogħod mill-imputat. L-imputat beda jagħmlilhom is-sinjal beix jersqu lejh. L-imputat fetaħ idejh u kif ix-xhud u sieħbu l-Pulizija l-ieħor identifikaw ruħhom bħala Pulizija huwa reġa' għalaq idejh. Ix-xhud qabad id l-imputat li beda jgħid li m'għandu xejn f'idejh. Imbagħad ġera erba' passi u waddab xi ħaġa. (fol 27 l-aħħar paragrafu). Ix-xhud ra żewġ affarijiet itiru b'waħda taqa' fuq WPS-45. L-oġġetti kienu żewġ kantunieri ta' boroż li kellhom trab kannella suspettat droga. Elevaw sikkins u xi boroż bil-kantunieri maqtugħin. (fol 28). Ix-xhud għaraf lill-imputat bħala l-persuna li kienet preżenti waqt l-inċident deskritt f'dan il-paragrafu u fil-paragrafi preċedenti.**

**WPS-45 Marisa Bartolo** xehdet dwar l-istess telefonata tas-17 ta' Novembru 2001 li saret referenza għaliha. Din ix-xhud ukoll marret fuq il-psot u rat lill-imputat ġej min-naħa tal-faċċata u ratu javviċina liż-żewġ pulizija.

L-imputat

(a) ipprova jaħrab

(b) ipprova jirreżisti lill-Pulizija

(ċ) tajjar xi affarijiet minn idejh.

Waħda mill-affarijiet leħqitha qabel ma messet mal-art u l-oħra nġabret eżatgt wara n-nofs tal-karozza tagħhom. (fol 32).

Hija għarfet lill-imputat bħala l-persuna li kienu nvolut fl-inċidenti li fuqhom xehdet.

Xehed ukoll PC-579 Antoine Micallef li kkonferma li ra lill-imputat jarmi ż-żewġ oġġetti nhar il-21 ta' Novembru 2001.

Xehed ukoll PC -1348 Joseph Campbell li ddeskriva x'ġara ħdejn il-parking tal-Isptar San Luqa. Huma kienu raw lill-parker jagħmel sinjal lill-imputat biex jibqa' sejjer. Huma mxew wara l-imputat u kif daru l-kantuniera eżatt sabu lill-imputat wieqaf u kien qed jarmi xi ħaġa min-naħa tal-passenger seat. PC-10 eleva żewġ boroż tal-plastik li kien fihom sustanza suspettuża. Fil-kontro-eżami x-xhud qal li ma deherlux li kien hemm xi persuna oħra mal-imputat. Huma kienu raw **lill-imputat** jarmi xi ħaġa u ħarġu għal fuqu. (fol 68). Lanqas kienu bogħod mill-imputat għax id-distanza kienet it-tul tal-awla.

A fol 91 tal-proċess xehed ukoll PC-1013 Raymond Debono li ddeskriva x'kien ġara ħdejn il-parking tal-Isptar San Luqa fuq l-istess linji li kienu xehdu x-xhieda preċedenti.

A fol 93 xehdet WPC-119 Cynthia Camilleri li qalet li l-imptuat kien ser jidħol fil-parking u f'daqqa waħda dawwar malajr. Kien ser jidħol u reġa' ħareġ 'il barra. Huma kienu segweh bil-karozza . Kif daru l-kantuniera l-imputat waqaf bil-vann u rawh jarmi xi ħaġa mit-tieqa min-naħa tal-passiġġier**. Fil-vann waħdu kien.**

Xehed Anthony Camilleri li kien il-parker tal-parking tal-Isptar San Luqa. Huwa kkonferma li kien ssellef xi flus

(Lm10,000) minn għand l-imputat xi sentejn qabel. Dan kien self bl-10%. Fis-26 t'Awwissu 2001 l-imputat kein mar għal xi flus iżda għamillu sinjal li flus ma kienx hemm. Dan ix-xhud ma bediex ikun konsistenti dwar jekk kienx hemm riekeb xi ħadd mal-imputat tant li l-Qorti kellha tiġbidlu l-attenzjoni għax l-ewwel qal:

'Sa fejn naf jien ma kien hemm ħadd.' (fol 73) u

Fil-kontro-eżami (fol 74) qa:

'Jien min għalija kien hemm wieħed riekeb fejnu.'

Il-Qorti hawn interveniet u qaltlu:

'Imma le, mhux hekk għidtilna qabel.'

Xehdet ukoll Frances Grixti fil-21 ta' Jannar 2002 (li qabel kienet għamlet stqarrija lill-Pulizija ara fol 78 31 t'Awwissu 2001). Din qalet li kienet tixtiha minn għand wieħed li jgħidulu 'Żaren il-pupa.' Kienu qalulha wkoll li dan Żaren kellu pick up blue. Kienet tiltaqa' miegħu ħdejn il-kamra tal-mejtin fejn parking area. (fol 87). Fil-jum in kwistjoni hija kienet xtrat żewġ nofsijiet u ħallset Lm60. (fol 88) Meta kienet mistoqsija fl-Awla, jekk kenitx xtrat droga minn għand l-imptutat hija qalet 'Le.' (fol 90).

Xehdet Dr Jackie Scerri tas-soċjeta Vodafone (fol 96) li qalet li ma kellhiex informazzjoni fuq in-numru 09801651.

Xehed Clive Aquilina Spagnol (fol 103), rappreżentant tal-MFSC, li kkonferma li l-imputat m'ġġadnu ebda liċenzja li jagħmilha ta' bankier. (fol 104).

Xehed l-Ispiżjar Mario Mifsud (fol 106) li fir-relazzjoni tiegħu stabilixxa li fl-4 sachets elevate minn fuq l-imputat (tnejn f'Awwissu u tnejn f'Novembru tas-sena 2001), kien instab total ta' 3.450 grammi eroina. Il-piż ta' dawn il-pakketti huwa prattikament l-istess: 0.866, 0.836, 0.859, 0.889 grammi). (fol 112.

Xhud ieħor tal-Prosekuzzjoni kien Gaetano Azzopardi (li x-xhieda tiegħu tinseb fil-proċes verbal iżda ma kienx iġġuramentaha). Dan ikkonferma li huwa kellu habit tad-droga eroina (fol 176) u qal li ried jiltaqa' mal-imputat biex forsi jirranġa xi ħaġa dwar il-flus ta' xi kera. (fol 177). Huwa ammetta li lill-Pulizija kien qalilhom li kien ser jixtri l-eroina minn għand l-imputat (fol 179). Iżda huwa kien qal hekk għax ried jorħoġ mid-depot. Hawn qal għat-tieni darba li lill-Pulziija hekk kien qalilhom. (fol 179 l-aħħar vers). Fil-kontro-eżami huwa qal li fl-Awla kien qed jgħid il-verita'.

Xehed ukoll l-Ispettur (illum Supretendent) Norbert Ciappara li qal li x-xhud Charmaine Vella, li kellha tixhed f'dik is-seduta, ma kienet ser tgħid xejn gaħx keient mhedda. (ara fol 132).

Xehdet ukoll WPS 136 Charlene Ciantar li qalet li kienet rat lill-imputat jehmeż lil Charmaine Vella fl-Awla. (fol 184).

Xehdet darbtejn Charmaine Vella (fol 187). Lil din ix-xhud il-Qorti kellha tfakkarha li kienet bil-ġurament wara li qalet li ma kentix qed tiftakar li quddiem il-Maġistrat tal-Għassa keient indikat persuna minnfejn xtrat id-droga. Lill-imputat keient tafu ftit.
Hawn il-Qorti qratilha x'kienet qalet quddiem il-Maġsitrat tal-Għassa. Fost affarijiet oħra hi kienet qalet:

'Jien nixtri xi tliet darbiet fil-ġimgħa. Ngħid li Żaren ma jagħtinix pakkett ta' għaxar liri iżda nofs gramma tiswa Lm20. Żaren għandu madwar 45 sena, xagħru griża, għandu nuċċali , għandu pick up van blu, well built iżda mhux qawwi u ċċempillu fuq il-mobile number 09801651. L-eroina li kien xtara David f'dak il-jum kein xtraha minn għand l-imputat.'

Hija kienet għamlet l-istqarrijka tagħha quddiem il-Maġistrat l-għada filgħodu u marret id-depot minn rajha. (fol 195).

A fol 196, ix-xhud qalet li l-imputat kien ta d-droga lil David (U reġgħet qalet l-istess a fol 197).

Fil-kontro-eżami qalet li kienet ħaditha for granted li David xtara minn għadn l-imputat.

Fl-istqarrija ġuramentata tagħha magħmula fit-30 ta' Novembru 2001 din ix-xhud kienet qalet bil-ġurament:

**'Ngħid illi l-eroina li nstabet mill-Pulizija xtrajnieha minn Ħal-Qormi. Ngħid li jeina naf persuna li jismha Żaren il-Pupa. Lil Żaren il-pupa jiena ili nafu madwar erba' xhur. Madwar tliet xhur ilu jiena bdejt nixtri l-eroina minn għandu.' (fol 49)**

**A fol 56 qalet hekk quddiem il-Maġistrat tal-Għassa:**

**'Ngħid illi dan Żaren għandu garage fejn iżomm iż-żwiemel ġewwa Ħal-Qormi. Jihdirli li l-post isibuh ta' Farżina, Ħal-Qormi…..wara li nsitaqsih jekk nistax narh Żaren jifhem li rrid nixtri d-droga u jgħidli biex ninżel. Wara li ninżel Ħal-Qormi, cioe' immure il-garage ta' Zaren u meta nasal insibu barrra jistenna ħdejn il-bieb tal-garage. Kif nasal jersaq ħdejn it-tieqa u fil-ħin li nnewwel il-flus hu jagħti apkkett eroina.'**

**Difiża**

Xehed l-imputat li nqarawlu ż-żewġ stqarrijiet li kien irrilaxxja lill-Pulizija u li kkonfermahom bil-ġurament. (fol 203 – 207)

Huwa żied jgħid li kif wasal ħdejn il-Medical Stores wieħed staqsieh jekk kienx sejjer ħdejn il-parking u riekb miegħu. (fol 207). Ftit 'il fuq hemm kantuniera u talbu biex iwaqqaflu hemm. Fti second wara marru fuq s-CID. Dan ir-raġel reġa' niżel lejn il-parking u għadda kontra tal-Pulizija minn taħt il-ħajt. Huwa kien innega li rema xi ħaġa. Wieħed mill-Pulizija staqsieh fejn kien mar 'dak li kellu miegħu.' (fol 209).

F'Novembru kien hemm ħutu ħdejh u hu kellu l-kelb f'idejh. Kien ċempillu ċertu Gaetano biex **jissellef xi ħaġa tal-flus**. Flok Gaetano marru l-Pulizija u qalulu li kienu as-CID u ħalu jdejh bil-herra. Imbaħgad karozza Hyuandai saqet għal fuqu u l-imputat spiċċa b'gundalla f'rasu. Huwa kien innega li borża li nstbet kienet tiegħu. (fol 211).

Huwa ħalef ukoll li lil David Farrugia qatt ma kien kellmu. Charmaine kienet tkun ir-razzett mat-tifel u darba kien ġabha għandu sabeix tieħu Lm200.

Bħalissa l-imputat għandu problemi ta' saħħa. (fol 213). Fil-kontro-eżami huwa kkonferma li dawn il-problemi ta' saħħa diġa' kienu jeżistu fis-sena 2001. Huwa kkonferma li lil Anthony Camilleri kien sellfu xi Lm8000 u li hu ma kellux liċenzja ta' bankier. Huwa ċaħadli qatt beigħ id-droga.

Xehed it-tabib George Bugeja dwar il-kundizzjoni medika tal-imputat. (fol 222).
Xhieda Oħra tad-difiża kienu :

(a) Maria Zammit, oħt l-imputat, li qalet li f'Novembru 2001 hija kienet rat mutur ġej u imbagħad rat lil ħuha mal-art. F'idu kellu l-kelb. Hi kienet xi ftit bogħod minn ħuha (fol 227). Barra l-kelb hi ma kienet rat xejn f'idejn ħuha.

(b) Joseph Brincat, ħu l-imputat, li qal li kien id-dlam u li l-imputat kellu kelb f'idejh. F'daqqa waħda ġew tas-CID. Sa fejn jaf hu ħuh il-kelb biss kellu f'idejh. (fol 231 – 232).

(ċ) Carmelo Brincat, ħu l-imputat, li qal li t-triq hiaj waħda mudlama u l-imputat kellu kelb f'idejh. Il-kelb ħarab minn id ħuh. Huwa ma kienx sema' diskors ieħor.

## Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

### L-Ewwel Imputazzjoni

L-imputat huwa akkużat bi traffikar tad-droga eroina. Huwa nnega kemm fl-istqarrija kif ukoll fuq il-pedana tax-xhieda.

Wieħed mix-xhieda tal-Pulizija kein għamel dikjarazzjoni ġuramentata iżda qed ma deher fl-Awla għaliex siefer

Xhud oħra (Frances Grixti) qalet li ma għarfitx lill-imputat fl-Awla.  Il-Qorti ma temminx li din ix-xhud ma għarfitx lill-imputat bħala l-persuna li fornuieha bid-droga iżda tippreferi li toqgħod fuq prova aħjar u għalhekk qed tiskarta x'qalet din ix-xhud..

Gaetano Azzopardi kien irrilaxxja stqarrija li ma kienx ikkonferma quddiem il-Maġistrat Inkwerenti.  Quddiem il-Qorti ttituba kemm felaħ u imbagħad ammetta li lill-Pulizija tassew kien qalilhom li kien ser jixtri d-droga minn għand l-imputat iżda dan kien qalu għaliex ried joħroġ mid-depot. Quddiem il-Qorti qal li kien sejjer fuq xi 'kera' għalkemm l-imputat ma qabilx ma' din il-verżjoni għax qal li dan ix-xhud kien sejjer jissellef xi flus. Lil dan ix-xhud il-Qorti ma temmnux iżda mhix ser toqgħod fuq ix-xhieda tiegħu.

Il-Qorti eżaminat sew x'qalet Charmaine Vella.  Qieset ukoll li din għamlet l-istqarriaj ġuramentata tagħha l-għada. Minn din l-istqarrija jirriżulta li hi kienet tuża l-istess numru tat-telefon lit a l-imputat, li kienet ilha tixtri xi xhar jew xahar u nofs qabel l-istqarrija li kienet ġuramentata quddiem il-Maġistrat Inkwirenti  fit-18 ta' Novembru 2001 u li għalhekk kienet tafu tal-anqas fil-5 t'Ottubru 2001.  Id-dettalji mogħtija fl-istqarrija huma ċari daqs il-kristall.  U fl-Awla ippuntat lejn l-imputat bħala l-bniedem li kein ta d-droga.  Il-Qorti staqsietha:

'Rajtu b'għajnejk jagħtih.'

Xhud: Iva (fol 196).

Barra dan, meta l-Qorti qratilha l-istqarrija li hija stess kienet iġġuramentat l-uniku 'korrezzjoni' li għamlet kien li fis-17 ta' Novembru 2001 kien xtraha David.  U din ma

kienet korrezzjoni xejn għax fl-istqarrija kien jdiher li fis-17 ta' Novembru 2001 kien David Farrugia li xtara d-droga.

Mill-bqija ma 'nbidel' xejn mill-istqarrija. Jiġifieri l-imputata kienet , skond hi, ilha tixtri xi tleit xhur minn għand l-imputat (li tiegħu saħansitra tat in-numru tat-telefon , l-eta', il-kulr tax-xagħar, in-nuċċali u li għandu pick up blu). Skond din ix-xhud ma kenitx l-ewwel darba li nqdiet minn għand l-imputat.

Għalhekk il-Qorti qed tiddeċiedi li l-Prosekuzzjoni ppruvat l-ewwel imputazzjoni fil-konfront tal-imputat.

**It-Tieni Imputazzjoni**

Mill-istqarrija tl-imputat (fol 13 18 ta' Novembru 2001) jirriżulta li l-imputat ma kellux problema tad-droga u ma kien juża ebda tip ta' droga. Huwa qal ukoll li ma kienx juża l-eroina.

Dwar dak li ġara fis-26 t'Awwissu 2001, l-imputat qal li kien hemm persuna oħra miegħu fil-vann. Huwa qal ukoll li dan niżel u għadda min-naħa l-oħra u għalhekk il-Pulizija ma rawhx.

Il-Qorti mhix qed temmen li kien hemm xi ħadd ieħor mal-imputat fil-vann meta mar ħdejn il-parking tal-Isptar San Luqa. Indunat ukoll li l-parker ta' dak iż-żmien pprova jibdel il-verżjoni tiegħu meta l-ewwel qal li ma kien hemm ħadd riekeb mal-imputat u imbaħgad fil-kontro-eżami pprova jaqleb kollox sakemm il-Qorti ġibditlu l-attenzjoni għal dak li kien xehed ftit sekondi qabel biss.

Ħadd mill-Pulizija ma xehed li ra xi persuni oħrajn u dan meta l-Pulizija kienu qed jgħaddu propju għall-imputat u kellhom viżwali tajjeb ta' x'qed jiġri. WPC Camilleri saħansitra xehdet li ratu waħdu lill-imputat. (Ara xhieda aktar 'il fuq).

Barra dan kollu, ma jitwemmix li wieħed ser jieħu lift għal distanza daqshekk qasira.

Il-Qorti hija konvinta li fil-vann kien hemm l-imputat biss u li l-eżiastenza tal-persuna l-oħra hiaj biss ħolqien tal-immaġinazzjoni għax kien jaqbel li jingħad.

Il-Qorti hija konvinta wkoll li kien l-imputat li rema ż-żewġ pakketti li l-provi forensiċi wrew li kienu tal-istess piż u li kienu eroina.

Bir-rispett kollu, ġaladarba l-imputat stqarr hu stess li m'għandu ebda problema tad-droga u lanqas qatt ħa eroina, il-mistqosija tiġi waħidha: Mela x'kienu qed jagħmlu ż-żewġ pakketti f'idejh?

F'ċirkostanza bħal din il-Qorti qed tikkonkludi li l-imputat kellu l-eroina bil-ħsieb li jispaċċjaha u għalhekk issibu ħati ta-tieni imputazzjoni dedotta kontrih.

Dwar dak li x'ġara fis-17 ta' Novembru 2001 jidher li l-imptutat kein qed jistenna lil ħadd ieħor biex ifornih bid-droga. Huwa nħasad meta flok wslet fuq il-post il-persuna li kien qed jsitenna sab il-pulizija ma' wiċċu. Għal darb'oħra huwa nnega li kein rema xi ħaġa. Iżda l-Qorti semgħet ix-xhieda tla-Prosekuzzjoni u xtarritha sew. Ma ssib ebda raġuni għala għandha tiskarta din ix-xhieda li hija konsistenti, ċara u ma tħalli ebda dubju li l-imputat f'idejh ma kellux il-kelb biss iżda kellu wkoll żewġ pakketti eroina li ppriva jeħles minnhom meta ra li l-pjan kien falla. Il-Qorti lanqas qed temmen il-verżjonijiet li taw ħut l-imputat li, apparti l-interess emozzjonlai, xejn ma nstemgħu konvinċenti bl-istorja 'identika' tad-dlam fit-triq u tal-kelb f'idejn l-imputat. Ukoll jekk wieħed kellu jaċċetta l-kelma tagħhom, il-fatt li 'ma raw' xejn huma, ma jfissirx li l-Pulizija ma rawx u ma qalux il-verita'. Biżżejjed wieħed jikkonsidra lit ant kienu qrib il-Pulizija u tant raw kollox li pakkett minn dak li ġabru saħansitra waqa' fuq wieħed mill-Pulizija li kien fuq il-post. Il-Qorti qieset ukoll il-kwistjoni tad-dlam iżda l-Pulizija għandhom taħriġ mhux biex jaraw filgħodu biss u barra minn dan iddeskrivew fid-dettal x'raw pass wara pass.

Għalhekk lill-Qorti qed jirrżultalha li l-imputat dak in-nhar kellu żewġ pakketti bid-droga eroina f'idejh (kif jirriżulta wkoll mill-analiżi forensika) kif ukoll li dawn kellu l-intenzjoni li jispċċjahaom. Għalhekk għal darba'oħra (iżda f'data differenti), il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni.

**It-Tielet Imputazzjoni**

Mill-atti tal-proċess, speċjalment mill-istqarrija tal-imputat, minn kif xehdu tnejn mix-xhieda kif ukoll minn dak li xehed l-imputat stess hem mil-prova li l-imputat kien sellef Lm8000 bl-imgħax lil persuna oħra meta ma kellux liċenzja biex jagħmilha ta' bankier. Skond l-artikolu 3 tal-Kap 376

**'3.** (1) Ebda kummerċ ta' istituzzjoni finanzjarja ma għandu
jsir f'Malta jew minn Malta ħlief minn kumpannija li jkollha
liċenza mogħtija taħt dan l-Att mill-awtorità kompetenti.

(2) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3),
persuna ma titqiesx li hija istituzzjoni finanzjarja minħabba fil-fatt
li dik il-persuna jew:
(*a*) tkun tagħmel parti minn grupp ta' kumpanniji u tkun
tipprovdi xi attività minn dawk elenkati fl-Iskeda li
tinsab ma' dan l-Att lil kumpanniji li ma jkunux banek
jew istituzzjonijiet finanzjarji u li jkunu jagħmlu parti
mill-istess grupp ta' kumpanniji; jew

(*b*) tkun tagħmel u toħroġ kambjali fil-kors normali tan-negozju
tagħha taħt arranġamenti ta' *hire purchase*,
jew taħt bejgħ li jsir bi kreditu meta l-kambjali jsiru
g]all-prezz dovut.

(3) Fil-każ ta' dubju raġonevoli dwar jekk xi attività tkun
tikkonsisti f 'kummerċ ta' istituzzjoni finanzjarja, jew jekk

kummerċ ta’ istituzzjoni finanzjarja jkun jew ma jkunx qed isir
f’Malta jew minn Malta minn xi persuna, il-kwistjoni għandha tiġi
konkluživament deċiża mill-awtorità kompetenti.

(4) L-għoti ta’ liċenza għandu jkun suġġett għal dritt annwali li
l-awtorità kompetenti tista’ tistabbilixxi minn żmien għal żmien.’

Iżda skond l-artikolu 22(5) tal-Kap 376, ‘m’għandhom jinbdew proċeduri taħt dan l-Att  minghajr il-kunsens tal-Avukat Ġenerali.’

Fl-atti ppreżentati l-Qorti ma sabitx il-kunsens tal-Avukat Ġenerali.  Dan il-kunsens huwa indispensabbli sabiex jitmexxew proċeduri kontra persuna taħt l-Att 376.

Għalhekk il-Qorti qed tillibera lill-imputat mit-tielet imputazzjoni.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti, wara li rat l-artikolu 17(b) tal-Kap 9, ir-regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u 22(1B) tal-Kap 101 kif ukoll l-artikoli 3(1)(2)(3) u r-regolament 3(1) tal-Avviż Legali 357 tas-sena 2002 kif emendat qed issib lill-imputat ħati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni u qed tillibera lill-imputat mit-tielet imputazzjoni.**

**Dwar il-piena, il-Qorti qed tikkonsidra d-dati meta seħħew l-imputazzjonijiet mhumiex identiċi u għalhekk żgur mhux il-każ li tapplika l-artikolu 17(h) tal-Kap 9 għaliex la japplika l-prinċipju tal-means to an end u lanqas il-prinċipju tal-istess mens rea.  Iżda qed tapplika l-artikolu 17(b) tal-Kap 9.**

**Id-difiża ssottomettiet li l-imputat għandu problemi ta' saħħa. Dawn kienu jeżistu wkoll meta seħħew l-allegati reati.**

**Fl-aħħarnett il-Qorti kkonsidrat li l-fedina penali tal-imputat li hija prattikament nadifa.**

**Dwar it-tul taż-żmien, tassew li xi xhieda kienu diffiċli biex jidhru iżda l-imputat naqas li jidher diversi drabi wkoll u darba deher xhud u naqas li jidher hu.**

**Għalhekk il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat għal 12-il xahar priġunerija u għal ħlas ta' multa ta' €1300. Il-multa tista' titħallas b'rati ta' mitt Ewro fix-xahar bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk xi pagament ma jitħallasx il-bilanċ jitħallas f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx, din għandha tinbidel f'jum priġunerija għal kull 11.65 Ewros li ma jitħallsux.**

**Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat iħallas l-ispejjeż tal-eseprt li jammontaw għal €70.48 (Lm30.25) fi żmien xahar mil-lum.**

**Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt il-ħarsien tar-Reġistratur.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------